MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 338/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Radu Stefan Lefter**
**[ID. Nru. 37950A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-3 ta' Gunju, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn u sitta u sittin euro u hmistax-il ċenteżmu ta' euro [€2,066.15c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' elfejn u sitta u sittin ewro u hmistax-il ċenteżmu (€2066.15) in konnessjoni ma' 79449933 (AC40163263), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Dicembru 2010.

Illi s-somma ta’ elfejn u sitta u sittin ewro u hmistax-il ċenteżmu (€2066.15c) fuq indikata hija komposta minn elf hames mija sebgha u sittin ewro u hmistax-il ċenteżmu (€1567.15) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma erba’ mija disgha u disghin ewro (€499) dovuti bhala penali skont Dokument B anness.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 2435/12, u bl-imghaxijiet mid-data tat-18 t’Ottubru 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fil-21 ta’ Awwissu, 2013, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elfejn u sitta u sittin euro u hmistax-il ċenteżmu ta’ euro [€2,066.15c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------